MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 2/2003/1

**Pauline Xerri**

**v.**

**Carmelo Galea**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja fit-13 ta’ Ottubru 2006 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talba attrici sabiex iz-zwieg tal-istess attrici mal-konvenut jigi dikjarat null fuq il-kawzali ta’ simulazzjoni, ta’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju u

ta' anomalija psikologika serja da parti tal-konvenut Galea.

**2.** Ghall-ahjar intendiment tal-gudikat odjern, qed tigi riprodotta s-sentenza appellata, u dan peress li fiha hemm il-kawzali u talba dedotti mill-attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenut u r-ragunijiet ghala dik il-Qorti cahdet it-talba attrici. Dik is-sentenza tghid hekk:

"Il-Qorti:

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attrici, wara li ppremettiet:

"Illi l-partijiet iżżewġu fl-20 ta' Settembru, 1980 u minn dan iż-żewġ ma kellhomx tfal; u

"Illi għal dan iż-żwieġ il-konvenut ta l-kunsens tiegħu għall-kuntratt taż-żwieġ bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew oħrajn tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għal att taż-żwieġ, iżda għamel dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u

"Illi l-kunsens tal-konvenut għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa tiegħu u jew b'anomalija psikologika serja li jagħmilha impossibbli għall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

"Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddeċidi u tiddikjara għar-raġunijiet premessi li ż-żwieġ bejn il-partijiet huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi .

"Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi debitament ikkonfermata minnha.

“Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi:

1. Illi huwa jiċħad l-allegazzjonijiet kontenuti fiċ-ċitazzjoni u dana peress li m'huwiex minnu li l-kunsens tiegħu għall-kuntratt taż-żwieġ innifsu jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali jew oħrajn tal-ħajja miżżewġa jew tad-dritt għal att taż-żwieġ;

2. Illi lanqas huwa minnu li l-kunsens ta' l-esponenti għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'effett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa tiegħu u jew b'anomalija psikologika serja li jagħmilha impossibbli għalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

3. Illi jekk hemm lok għall-annullament, dan m'hux kaġun tiegħu l-konvenut iżda ta' l-attriċi peress illi kien il-kunsens tagħha għal dan iż-żwieġ li kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa tiegħu u jew b'anomalija psikoloġika serja li jagħmilha impossibbli għalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu maħlufa.

“Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-affidavits u dokumenti esebiti.

“Rat il-verbal tagħha tat-23 ta' Mejju 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

“Ikkunsidrat:

“Illi permezz tal-kawża preżenti l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni ta’ nullita` taż-żwieġ tagħha mal-konvenut għax allegatament:

“(i) Il-konvenut ta l-kunsens tiegħu għall-kuntratt taż-żwieġ bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali jew oħrajn tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ, iżda għamel dan bi skop unikament qarrieq;

“(ii) il-kunsens tal-konvenut għal dan iż-żwieġ kien ivvizzjat b'difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa tiegħu;

“(iii) il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li għamlitha impossibbli għall-konvenut li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

“Il-konvenut baqa' qatt ma xehed sabiex jagħti l-verżjoni tiegħu u għalhekk din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' teżamina wkoll dak li seta' kellu xi jgħid l-istess konvenut fuq dawn l-allegazzjonijiet, għajr dak li qal fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu u d-dikjarazzjoni relattiva.

Pero` l-prova ta’ kwalunkwe waħda mir-raġunijiet msemmija mill-attriċi, hija suffiċjenti biex tirrendi żwieġ null skond il-liġi tagħna. Il-kompitu ta’ din il-Qorti huwa għalhekk li tara u teżamina jekk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in eżami, jistgħux iwassluha għall-konklużjoni illi teżisti xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li tirrendi żwieġ null skond l-Att dwar iz-Zwieġ (Kap. 255) .

“Irriżulta mill-provi prodotti illi l-partijiet damu ma bdew jaħsbu għat-tfal u għall-ewwel ir-raġel lill-attriċi kien iġibilha l-iskuża illi kellhom ħafna spejjeż. Imma meta fl-aħħar aċċetta li kellhom jippruvaw iġibu tfal, dawn ma waslu qatt. Wara ħafna pressjoni r-raġel issottometta ruħu għal eżamijiet kliniċi li minnhom irriżulta illi kellu *sperm count* baxxa ħafna u għalhekk il-mara ma setgħetx toħroġ tqila. Imma ma aċċettax li jissottometti ruħu għal intervent mediku li seta' jgħin lill-koppja jkollha t-tfal b'metodi artifiċjali[1].

[1] Ara xiehda attriċi u Dok X a fol. 39 tal-process. .

“Irriżulta wkoll illi l-attriċi kellha ssir taf wara ż-żwieġ illi l-konvenut kien ibati minn difett f'qalbu, u li din il-kundizzjoni kienet eżistenti mit-twelid. Lanqas għal din il-kundizzjoni l-konvenut ma ried jissottometti ruħu għall-kura[2].

“Issemma wkoll illi l-konvenut kien qed ikollu relazzjoni extra maritali[3].

“Madankollu dawn il-provi waħedhom ma jistgħu qatt iwasslu lil din il-Qorti sabiex tannulla ż-żwieġ a bażi tar-raġunijiet indikati fiċ-ċitazzjoni. Ma hemm xejn f'dawn il-ftit provi prodotti illi jindikaw li l-kunsens tal-konvenut għaż-żwieġ tiegħu ma' l-attriċi seta' kien ivvizzjat minħabba xi waħda jew aktar mir-raġunijiet imsemmija fis-subinċiżi (d) jew (f) ta' l-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 li jirregola din il-materja, u li fuqhom serrħet il-każ tagħha l-attriċi. Se mai ir-raġunijiet minnha msemmija fil-provi tagħha, jistgħu, forsi, jinkwadraw ruħhom fis-subinċiżi (c) u (e) ta' l-istess paragrafu, imma l-kawża mhix ibbażata fuq dawn ir-raġunijiet.

“Għalhekk, billi ma rriżultat ebda waħda mir-raġunijiet għaliex iż-żwieġ bejn il-kontendenti jista' jiġi annullat a bażi ta' dak imsemmi mill-attriċi fiċ-ċitazzjoni tagħha, din il-kawża ma tistax tirnexxi.

“Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talba ta' l-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.”

**3.** L-attrici appellat minn din is-sentenza b’rikors ippresentat fit-2 ta’ Novembru 2006. L-aggravju taghha hu, essenzjalment, wiehed u cioe` li, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, hija gabet provi bizzejjed li a bazi taghhom iz-zwieg kellu jigi dikjarat null kemm taht il-paragrafu (d) tal-Artikolu 19(1) kif ukoll taht il-paragrafu (f) tal-istess artikolu tal-Kap. 255.

**4.** Dana l-appell huwa infondat b’tali mod li jirrazenta l-fieragh. Jibda biex jinghad illi fil-paragrafi 5 sa 9 tar-rikors ta’ appell, fejn allura qed jigi invokat il-paragrafu (d) tal-

---

[2] Ara Dok. Y a fol. 40 .
[3] Ara xiehda ta' l-attrici u ta' ommha. .

Artikolu 19(1), l-appellanti ggib ‘l quddiem ragunijiet li ma ghandhom x’jaqsmu xejn mad-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jew ma’ anomalija psikologika serja kif ravvizati f’dak il-paragrafu, izda ragunijiet li proprjament jinkwadraw taht is-simulazzjoni. Fil-paragrafu 10, imbaghad, tipprova tara kif taghmel biex iggib dak li qalet fil-paragrafi precedenti wkoll taht il-kappell tas-simulazzjoni, meta tghid: *“Illi l-esponenti hija tal-umli fehma illi l-fatti li rrizultaw f’din il-kawza, u li gew hawn fuq deskritti, jinkwadraw ukoll f’dak komtemplat fis-subinciz (f) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255”*.

**5.** Issa, kif inhu risaput, ghal dak li jirrigwarda l-kawzali fil-paragrafu (d) aktar ‘l fuq imsemmi, biex ikun hemm in-nuqqas, jew ahjar, difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju hemm ravvizat irid ikun hemm l-inkapacita` psikika jew kostituzzjonali (mhux neccessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhewlu l-liberta` tal-ghazla) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali[4]. It-tieni parti tal-paragrafu (d), imbaghad, issemmi anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli (mhux semplicement difficli) li wiehed jaqdi ossia li jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Kwantu ghall-paragrafu (f) – is-simulazzjoni – biex jirrizulta d-difett ravvizat f’dan il-paragrafu jrid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi f’kawzi civili, li parti jew ohra, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali (u ghalhekk mhux wara li dak il-kunsens ikun inghata) b’att pozittiv tal-volonta` eskludiet iz-zwieg innifsu (simulazzjoni totali) jew element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg (simulazzjoni parzjali). Dan l-att pozittiv tal-volonta` jista’ jkun manifestat kemm esplicitament (espressament) jew implicitament[5].

[4] Ara ***Isabella Zarb v. Stephen Attard*** Prim Awla 21/11/1995; ***Samuela Lea Pavia v. John Pavia*** Prim Awla 20/5/96; ***Alex Tonna v. Anna Tonna xebba Vassallo*** Prim Awla 10/9/1997; ***Jacqueline Cousin v. Bernard Simler*** Prim Awla 3/6/1998; ***Roseanne Cassar v. Kenneth Cassar*** Prim Awla 19/10/98.

[5] Ara ***Anna Galea v. John Walsh*** Prim Awla 30/3/1995; ***Emmanuel Camilleri v Carmen Camilleri*** Prim Awla 10/11/1995; ***Thomas Azzopardi v. Mary Azzopardi*** Prim Awla 16/12/1996

**6.** Mill-ftit provi li ressqet l-attrici – affidavit ta’ pagna u nofs (fol. 18), id-deposizzjoni ta’ ommha Theresa Xerri (fol. 31 *et seq.*), u z-zewg dokumenti (mhux konfermati bil-gurament ta’ min irredigihom) a fol. 39 u 40 – ma jirrizulta xejn minn dan. Jirrizulta biss li l-konvenut kellu *sperm count* baxx li minhabba fih il-koppja ma setax ikollha tfal – fatt, dan, li jidher li rrizulta *“after [that the couple tried] unsuccessfully for a pregnancy for the previous 12 to 13 years”* (fol. 40). Jirrizulta wkoll li huwa kellu kundizzjoni tal-qalb (*membraneous ventricular septal defect*) liema kundizzjoni medika huwa x’aktarx li kien jaf biha qabel iz-zwieg u ma qal xejn dwarha lil martu. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti dawn ic-cirkostanzi, setghu, forsi, jinkwadraw ruhhom taht dak ravvizat fil-paragrafu (c) tal-Artikolu 19(1), li pero` ma giex invokat fic-citazzjoni; jinghad ukoll li din il-Qorti ghandha r-riservi taghha dwar dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti fis-sens li forsi setghu wkoll jinkwadraw taht il-paragrafu (e), ghax l-impotenza li ghaliha jirreferi dan il-paragrafu hija l-*impotentia coeundi* ossia kopulativa, u mhux dik *generandi*.

**7.** Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tiddilunga fuq dana l-appell.

**8.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ dina l-istanza kontra l-attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------